C/2024/1564

5.3.2024

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "L-importanza strateġika tas-settur finanzjarju tal-UE — Kif jistgħu jittejbu l-valutazzjoni u l-evalwazzjoni"

(opinjoni fuq inizjattiva proprja)

(C/2024/1564)

Relatur: **Antonio GARCÍA DEL RIEGO**

Deċiżjoni tal-Assemblea Plenarja	25.1.2023
Bażi legali	Artikolu 52(2) tar-Regoli ta' Proċedura
	Opinjoni fuq inizjattiva proprja
Sezzjoni kompetenti	Sezzjoni għall-Unjoni Ekonomika u Monetarja u l-Koeżjoni Ekonomika u Soċjali
Adozzjoni fis-sezzjoni	15.11.2023
Adozzjoni fil-plenarja	13.12.2023
Sessjoni plenarja Nru	583
Riżultat tal-votazzjoni	
(favur/kontra/astensjonijiet)	198/0/3

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE) jappoġġja l-iżvilupp ta' ekonomija aktar kompetittiva bħala prijorità ewlenija għal dawk li jfasslu l-politika. Is-settur bankarju huwa faċilitatur ewlieni ta' din l-ambizzjoni minħabba r-rwol ewlieni tiegħu fil-finanzjament tal-ekonomija tal-UE u huwa vitali għall-awtonomija strateġika tal-UE u għat-tranżizzjoni doppja ekoloġika u diġitali.

1.2. Il-KESE jirrikonoxxi li l-istabbiltà finanzjarja hija prerekwiżit indispensabbli għat-tkabbir u l-kompetittività peress li tipprevjeni li l-kapital pubbliku u privat jiġi assorbit minn salvataġġi għal banek falluti u tipproteġi l-ekonomija inġenerali mit-tfixkil u l-ħsara kollaterali konsegwenti.

1.3. Il-KESE jappoġġja bis-sħiħ id-diversità tas-settur bankarju tal-UE, li jinkludi banek ta' daqsijiet, strutturi ta' sjieda u mudelli ta' negozju differenti, li tikkontribwixxi b'mod sinifikanti għar-reżiljenza tiegħu. Dan jirrikjedi approċċ proporzjonali għar-regolamentazzjoni mingħajr ma jiġu kompromessi rekwiżiti kapitali sodi u fl-istess ħin jiġi żgurat li s-settur ikun dejjem taħt is-superviżjoni tal-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku (MSU).

1.4. Il-KESE jilqa' l-introduzzjoni ta' kontroll tal-kompetittività u jemmen li l-erba' dimensjonijiet tiegħu għandhom ikunu akkoppjati mal-karatteristiċi speċifiċi tas-settur finanzjarju. Għandu jservi bħala miżura ta' kontroll biex jiġi żgurat li l-proposti jappoġġjaw aktar kompetittività, aktar impjiegi u tkabbir sostenibbli. Il-kontroll tal-kompetittività ma għandux jiġi invokat, madankollu, biex jiġġustifika devjazzjonijiet mill-istandards internazzjonali li l-UE hija impenjata li timplimenta, bħall-qafas ta' Basel III.

1.5. Il-kontroll tal-kompetittività huwa ta' importanza speċjali għal settur bankarju tal-UE li kellu prestazzjoni ferm aħjar minn dik f'ekonomiji ewlenin oħra f'dawn l-aħħar għaxar snin. Dan għandu jservi bħala għodda ta' monitoraġġ biex jiġi żgurat li proposti ġodda jkollhom impatt pożittiv fuq il-kompetittività, li jwassal għal aktar impjiegi u tkabbir sostenibbli. Il-KESE jinnota li l-akbar bank tal-Istati Uniti għandu kapitalizzazzjoni tas-suq ekwivalenti għall-għaxar l-akbar banek tal-UE u li erba' banek tal-investiment tal-Istati Uniti gawdew sehem mis-suq ikkombinat ta' 58 % fl-UE fl-2022. Huwa importanti li jkun hemm servizzi bankarji korporattivi u ta' investiment effiċjenti tal-UE, meta jitqies ir-riskju li l-banek barranin jagħlqu l-attivitajiet tagħhom fl-UE f'każ ta' taqlib fis-suq u b'hekk jheddu l-aċċess korporattiv għal riżorsi vitali.

1.6. Il-kontroll tal-kompetittività jista' jkopri elementi relatati maż-żamma ta' kundizzjonijiet ekwivalenti biex jiġi żgurat li l-banek tal-UE li joperaw f'ġurisdizzjonijiet multipli jkunu jistgħu jikkompetu fuq termini ugwali mal-banek domestiċi f'kull wieħed mis-swieq fil-mira tagħhom. Huwa importanti li jiġi skrutinizzat jekk il-leġiżlazzjoni proposta tikkontribwixxix għall-istabbiltà tas-suq finanzjarju u tivvaluta kemm kif tintegra aktar is-swieq tal-UE u tattira l-investiment minn barra l-pajjiż kif ukoll kif is-settur finanzjarju jappoġġja t-tkabbir. Fl-aħħar nett, jenħtieġ li jiġi stabbilit sett ta' indikaturi sabiex jiġi vvalutat il-grad ta' diġitalizzazzjoni u l-profondità tal-finanzjament.

1.7. L-evalwazzjoni u l-valutazzjonijiet għandhom janalizzaw l-impatt ta' leġiżlazzjoni ġdida fuq l-investiment, l-attività transfruntiera, ir-rikonoxximent ta' mudelli ta' negozju bankarju u l-preservazzjoni ta' kundizzjonijiet ekwi. Dan se jiżgura settur bankarju kompetittiv li jippermetti awtonomija strateġika u li jkun kapaċi jimmobilizza r-riżorsi meħtieġa għat-trasformazzjoni ekoloġika u diġitali.

1.8. Il-KESE jaqbel mat-tħassib tal-Parlament Ewropew li l-Kummissjoni ma żviluppatx metodoloġija li tkopri l-effetti kumulattivi tal-proposti sussegwenti dwar il-kompetittività, u jappella għall-implimentazzjoni tal-kontroll tal-kompetittività fil-pakketti leġiżlattivi u fil-programm ta' ħidma tal-Kummissjoni b'mod ġenerali.

1.9. Il-KESE jqis li r-rappreżentanza tal-partijiet ikkonċernati fil-valutazzjonijiet tal-impatt hija fqira u li kemm il-proċess kif ukoll l-eżitu prattiku ta' dawn il-konsultazzjonijiet jiskoraġġixxu l-parteċipazzjoni.

1.10. Il-KESE jħeġġeġ it-tisħiħ tal-ġbir, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni sistemiċi ta' data kritika biex jikkontribwixxu b'mod xieraq għall-evalwazzjoni ex post ta' inizjattivi. Huwa jappella wkoll għal sforz akbar biex titħeġġeġ il-parteċipazzjoni tal-partijiet ikkonċernati f'konsultazzjonijiet futuri billi jiġi kkomunikat aħjar kif il-fehmiet tagħhom huma inklużi fil-valutazzjonijiet tal-impatt.

1.11. Il-Kummissjoni Ewropea trid tiċċara l-metodi użati bl-għan li jiġu ppreservati l-objettivi, il-kwalità u r-responsabbiltà distinta tal-eżerċizzji ex ante u ex post fit-terminu twil.

2. **Sfond**

2.1. L-Unjoni Ewropea hija impenjata fi proċess ta' trasformazzjoni profonda tal-ekonomija u l-industrija tagħha biex tibqa' kompetittiva u tiżgura t-tkabbir u l-prosperità, li għalihom sistema finanzjarja soda u li tiffunzjona tajjeb hija kruċjali.

2.2. Fil-5 ta' April 2022, il-Kunsill Ewropew enfasizza l-ħtieġa li ssir enfasi fuq il-fatt li s-settur finanzjarju tal-UE (banek, kumpaniji tal-assigurazzjoni u maniġers tal-assi) isir b'saħħtu, kompetittiv u reżiljenti, jingħata servizz lill-ekonomija reali u jiġu evitati riskji li jirriżultaw minn dipendenza eċċessiva fuq istituzzjonijiet finanzjarji u infrastruttura ta' pajjiżi terzi ([1]).

2.3. L-Unjoni Bankarja u l-Unjoni tas-Swieq Kapitali għadhom mhux kompluti. Is-swieq finanzjarji tal-UE għadhom frammentati, u l-prattika superviżorja mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti mhijiex armonizzata biżżejjed fl-UE. Dawn il-fatturi kollha jfixklu l-iżvilupp ta' suq kapitali integrat fl-UE ([2]).

2.4. Banek stabbli u reżiljenti huma faċilitaturi tat-tkabbir. Huma jipprovdu aċċess għall-finanzjament, jipproċessaw il-pagamenti u jiffaċilitaw it-tfaddil. Fiż-żona tal-euro, huma jissalvagwardjaw depożiti b'valur ta' EUR 23 triljun ([3]), ipproċessaw 114-il biljun pagament mhux fi flus kontanti fl-2021 ([4]), jaqdu rwol kritiku fil-ġlieda kontra l-finanzjament tat-terroriżmu u l-ħasil tal-flus, jipprovdu 70 % tas-self ([5]) u jimpjegaw 2,2 miljun persuna ([6]).

([1]) Stqarrija għall-istampa tal-Kunsill, 5 ta' April 2022 (https://www.consilium.europa.eu/en/press/press-releases/2022/04/05/council-adoptsconclusions-on-strategic-autonomy-of-the-european-economic-and-financial-sector/).
([2]) "A Capital Market Union for Europe: Why It's Needed and How to Get There", IMF, 2019.
([3]) Sors: Il-Federazzjoni Bankarja Ewropea, 2020.
([4]) Sors: Bank Ċentrali Ewropew.
([5]) Financing the Europe of Tomorrow, il-Federazzjoni Bankarja Ewropea, 2020.
([6]) EBF Facts & Figures 2021 – Banking in Europe, il-Federazzjoni Bankarja Ewropea, 2020.

2.5. Madankollu, is-settur bankarju tal-UE mhux qed jaħdem tajjeb daqs dawk f'ekonomiji ewlenin oħra, bħall-Istati Uniti. Mill-kriżi finanzjarja globali 'l hawn, ir-redditi fuq l-ekwità kellhom medja ta' 4,3 % fl-UE, kontra 7,1 % fl-Istati Uniti ([7]). Fl-2022, l-akbar kapitalizzazzjoni tas-suq tal-bank tal-Istati Uniti kienet ogħla minn dik tal-akbar 10 banek taż-żona tal-euro kollha flimkien (EUR 462 biljun vs EUR 468 biljun), li hija aġħar mis-sitwazzjoni fl-2008 ([8]). Il-banek Ewropej tilfu r-ritmu fix-xena internazzjonali, b'mod partikolari f'segmenti tan-negozju bħal fużjonijiet u akkwisti, fejn is-sehem mis-suq tal-ogħla ħames banek tal-UE kien ta' 12 % fl-2022 (minn 25 % fl-2010) ([9]), u fl-investimenti bankarji, b'mod ġenerali, fejn il-banek ibbażati fl-Istati Uniti żiedu s-sehem tas-suq tagħhom minn 44 % fl-2007 għal 58 % fl-UE fl-2022 ([10]).

2.6. Diversi fatturi jispjegaw il-prestazzjoni insuffiċjenti tal-banek Ewropej. Il-kriżi finanzjarja globali u l-kriżi tad-dejn sovran illimitaw il-kapaċità fiskali tal-Istati Membri, mentri l-ispazju fiskali tal-Istati Uniti ppermettielu jistabbilizza u jirkupra s-settur bankarju aktar malajr ([11]). Il-politika monetarja akkomodanti fiż-Żona tal-Euro kkompressat il-marġni tal-imgħax nett u l-profittabbiltà tal-attività tas-self. Barra minn hekk, il-kapaċità żejda, il-frammentazzjoni tas-suq u s-swieq kapitali inqas żviluppati jpoġġu wkoll lis-settur finanzjarju tal-UE fi żvantaġġ ([12]).

2.7. Mill-kriżi finanzjarja globali 'l hawn, ittieħdu passi biex jissaħħaħ il-qafas regolatorju bankarju tal-UE bbażat fuq l-istandards ta' Basel III. Inizjattivi u miżuri oħra, bħall-introduzzjoni ta' qafas għall-irkupru jew ir-riżoluzzjoni eventwali ta' bank li qed ifalli, ġew implimentati wkoll sabiex tiġi aġġornata s-superviżjoni bil-ħolqien tal-MSU.

2.8. Il-Kummissjoni Ewropea tevalwa u ttejjeb ukoll biċċiet ta' leġiżlazzjoni eżistenti. L-inizjattiva għal Regolamentazzjoni Aħjar, u b'mod aktar speċifiku l-programm dwar l-idoneità u l-prestazzjoni tar-regolamentazzjoni (REFIT), li għandhom l-għan li jiżguraw li l-politika tal-UE tkun ibbażata fuq l-evidenza, jagħmlu l-liġijiet tal-UE aktar sempliċi u aħjar, u jinvolvu lill-partijiet ikkonċernati ([13]). Il-programm REFIT huwa parti minn din l-inizjattiva. F'din il-missjoni, il-Kummissjoni hija assistita mill-Pjattaforma Fit for Future, magħmula minn partijiet ikkonċernati li jagħtu opinjonijiet li jitqiesu aktar tard mill-Kummissjoni Ewropea fil-proposti tagħha. Il-KESE huwa rrappreżentat fil-grupp tal-Partijiet Ikkonċernati ta' din il-Pjattaforma.

2.9. Mill-1 ta' Marzu 2023, qed jiġi implimentat kontroll tal-kompetittività fil-valutazzjonijiet tal-impatt kollha, li jsaħħaħ l-inizjattiva għal Regolamentazzjoni Aħjar, ikopri erba' dimensjonijiet, jiġifieri l-funzjonament tas-suq u kif jaħdem f'termini ta' kost u formazzjoni tal-prezzijiet; impatt speċifiku fuq l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs); l-impatt fuq il-kompetittività internazzjonali; u l-impatt fuq il-kapaċità għall-innovazzjoni.

2.10. Il-Parlament Ewropew iwettaq evalwazzjonijiet inizjali u ta' implimentazzjoni. L-evalwazzjonijiet inizjali janalizzaw il-punti b'saħħithom u d-dgħufijiet tal-valutazzjonijiet tal-impatt imwettqa mill-Kummissjoni Ewropea, f'livell tekniku. L-evalwazzjonijiet tal-implimentazzjoni jipprovdu lill-kumitati parlamentari b'ħarsa ġenerali lejn l-implimentazzjoni ta' biċċa leġiżlazzjoni li hija parti mill-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni ([14]).

3. **Kummenti ġenerali**

3.1. Il-KESE jilqa' d-deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea li tintroduċi kontroll tal-kompetittività fil-politiki u l-proposti leġiżlattivi futuri kollha tal-UE, kif imħabbar mill-Kummissjoni fis-Summit Soċjali Tripartitiku. Huwa jaqbel ukoll mal-għan li tinkiseb awtonomija strateġika, jiġifieri l-kapaċità tal-UE li ssegwi l-interessi tagħha mingħajr ma tiddependi wisq minn stati barranin ([15]). Il-kontroll tal-kompetittività għandu jevalwa l-impatt potenzjali ta' regolament propost, jiġifieri *ex ante*, u/jew l-effettività tar-regolament, jiġifieri *ex post*. Irid iqis il-kunsiderazzjonijiet tas-sostenibbiltà li jippermettu t-tranżizzjoni doppja ekoloġika u diġitali u jevalwa l-impatt fuq l-innovazzjoni.

([7]) A decade after the global financial crisis: What has (and hasn't) changed?, McKinsey Global Institute, 2018.
([8]) Sors: Banks Daily (https://banksdaily.com/topbanks/Europe/market-cap-2023.html) u "National champions now dominate in banking", Financial Times, 2023.
([9]) "European bank M&A activity crashes to 5-year low in 2022", S&P Global Market Intelligence.
([10]) "Investment Banking in Europe: where we are and where we are going. Implications for firms, financial institutions and regulators", Caselli et al, Università ta' Bocconi, 2020.
([11]) "Without the quick and massive policy response, the Great Recession might still plague the United States", *Finance & Development*, Diċembru 2010, Vol. 47, Nru. 4.
([12]) "Understanding the profitability gap between euro area and US global systemically important banks", BĊE Occasional Paper Series, 2023.
([13]) "Regolamentazzjoni Aħjar: għaliex u kif", Kummissjoni Ewropea.
([14]) Ara, pereżempju, il-valutazzjoni tal-implimentazzjoni dwar il-pakkett 2021 kontra l-ħasil tal-flus (mhux disponibbli bil-Malti), Parlament Ewropew.
([15]) "EU strategic autonomy 2013-2023", (L-awtonomija strateġika tal-UE 2013-2023 (mhux disponibbli bil-Malti)) Parlament Ewropew.

3.2. Il-KESE jemmen li huwa importanti li l-kontroll tal-kompetittività jkun komprensiv kemm jista' jkun meta jitqiesu l-impatti fuq in-negozji u l-ktajjen tal-provvista, l-impjieg u l-kundizzjonijiet tax-xogħol, kif ukoll l-impatti makroekonomiċi konsegwenti tagħhom. Kontroll tal-kompetittività b'saħħtu għall-inizjattivi ġodda kollha għandu jservi bħala miżura ta' kontroll biex jiġi żgurat li l-proposti jappoġġjaw aktar kompetittività, aktar impjiegi u tkabbir sostenibbli. Il-KESE jinnota li l-kontrolli tal-kompetittività fis-settur finanzjarju għandhom jirrispettaw bis-sħiħ l-istandards u l-obbligi internazzjonali, bħall-qafas ta' Basel III.

3.3. Għal Ewropa aktar b'saħħitha, il-kummerċ globali u l-aċċess għas-servizzi finanzjarji se jibqgħu mutur ewlieni tat-tkabbir ekonomiku. Billi jippermettu l-espansjoni ta' korporazzjonijiet Ewropej jew jgħinu kumpaniji barranin joperaw fl-Ewropa, il-banek Ewropej jikkontribwixxu għas-suċċess tal-Ewropa. L-aċċess transfruntier għas-suq u l-effiċjenza tas-suq huma elementi kruċjali tal-kummerċ globali u l-ekonomiji prosperi.

3.4. Fl-istess ħin, sistema bankarja stabbli, diversa, reżiljenti u kompetittiva hija essenzjali, kif ukoll awtonomija akbar f'segmenti ewlenin bħall-investiment bankarju. Fatturi strutturali, bħall-kapaċità żejda, il-frammentazzjoni tas-suq u s-swieq kapitali inqas żviluppati jpoġġu lis-settur finanzjarju tal-UE fi żvantaġġ. Il-ktajjen tal-valur tas-settur bankarju fl-UE huma ħafna inqas integrati milli fl-Istati Uniti, bil-banek tal-UE jiffaċċjaw pressjoni kompetittiva ogħla u potenzjal aktar limitat biex jibbenefikaw mill-ekonomiji ta' skala bħala riżultat.

3.5. Il-KESE jinnota li l-integrazzjoni tas-swieq kapitali madwar l-UE għadha fl-istadji bikrija. B'riżultat tal-Brexit, l-UE tilfet 30 % tal-volum tas-suq tagħha ([16]). Is-swieq kapitali tal-UE huma iżgħar milli fl-Istati Uniti, bi 13 % kontra l-45 % tas-sehem mis-suq globali ([17]). Filwaqt li l-Unjoni tas-Swieq Kapitali wasslet għal inizjattivi ta' politika ewlenin rilevanti, għad hemm ostakli kbar, bħan-nuqqas ta' armonizzazzjoni dwar it-tassazzjoni u r-reġimi ta' insolvenza.

3.6. Il-valutazzjonijiet tal-impatt u l-evalwazzjoni ex post tal-politiki tal-UE jenħtieġ li jqisu l-impatt fuq l-attività tal-istituzzjonijiet finanzjarji tal-UE li joperaw f'pajjiżi terzi, biex jiżguraw li r-rekwiżiti imposti ma joħolqux kundizzjonijiet mhux ekwivalenti fir-rigward tal-kompetituri lokali.

3.7. L-awtonomija finanzjarja Ewropea, jiġifieri l-kapaċità tal-atturi finanzjarji tal-UE li jappoġġjaw b'mod effiċjenti u effettiv l-ekonomija reali tal-UE, hija deficjenti u tista' tittejjeb. Is-swieq finanzjarji Ewropej għadu severament diviż skont il-linji nazzjonali, u min ifaddal u l-investituri jiddependu ħafna mis-sistemi bankarji nazzjonali. Huwa importanti li jkun hemm servizzi bankarji korporattivi u ta' investiment Ewropej effiċjenti, bħall-ħruġ ta' dejn u kapital jew finanzjament strutturat, meta jitqies ir-riskju li l-banek barranin jagħlqu l-attivitajiet Ewropej tagħhom f'każ ta' taqlib fis-suq u b'hekk jheddu l-aċċess korporattiv għal riżorsi vitali.

3.8. Id-diversità tas-settur bankarju tal-UE, li tinkludi banek ta' daqsijiet differenti, strutturi ta' sjieda u mudelli ta' negozju, tirrifletti d-diversità tas-suq li jaqdi u tikkontribwixxi b'mod sinifikanti għar-reżiljenza tiegħu. Iż-żamma ta' kundizzjonijiet ekwivalenti għall-parteċipanti kollha tas-suq fis-suq domestiku hija prinċipju ċentrali tal-liġi tal-UE u prerekwiżit kritiku għaż-żamma tal-kompetittività tal-banek tal-UE f'pajjiżhom u barra minnu.

3.9. In-nuqqas ta' kompetittività tas-settur finanzjarju tal-UE qed ikollu impatt serju fuq il-banek tagħna, u jista' jkollu konsegwenzi negattivi fuq medda medja u twila ta' żmien. Il-KESE jifhem li s-settur bankarju jeħtieġ, bħal kull wieħed ieħor, li jilħaq livell minimu ta' profittabbiltà biex ikun sostenibbli fit-tul. Il-profitti bankarji huma ġeneratur essenzjali tal-kapital, li, min-naħa tiegħu, jiddetermina l-kapaċità ta' self u l-kapaċità li jsiru distribuzzjonijiet lill-investituri. Dan huwa partikolarment rilevanti fi żmien fejn huwa meħtieġ ammont sinifikanti ta' finanzjament biex jinkisbu t-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali.

3.10. Id-disponibbiltà tal-finanzjament mis-settur privat u mill-banek se tkun kruċjali biex jiġu appoġġjati inizjattivi ta' politika futuri biex tissaħħaħ l-ekonomija Ewropea. EUR 360 biljun huma l-istima tal-Kummissjoni Ewropea għall-investiment annwali addizzjonali li issa huma meħtieġa biex jiffinanzjaw l-għanijiet ta' dekarbonizzazzjoni tagħha għall-2030 ([18]). F'kuntest fejn il-banek jipprovdu l-biċċa l-kbira tal-finanzjament tan-negozji, bi swieq kapitali fil-biċċa l-kbira mhux żviluppati u segment b'saħħtu tal-SMEs, il-banek se jkunu s-sors ta' ħafna, jekk mhux tal-biċċa l-kbira, tal-finanzjament ekoloġiku u diġitali fl-UE. Minħabba l-ħtiġijiet enormi ta' investiment li l-UE se tiffaċċja fid-deċennji li ġejjin, huwa kruċjali li l-UE tkompli tibni l-Unjoni tas-Swieq Kapitali u toħloq proposta attraenti u pan-Ewropea għall-investiment privat minn investituri domestiċi tal-UE. L-evalwazzjoni ex post tal-politiki tal-UE għandha tevalwa l-effetti fuq l-investiment, dejjem abbażi tad-data disponibbli.

([16]) "Implications of Brexit for the EU financial landscape, Financial Integration and Structure in the Euro Area", BĊE, 2020 (mhux disponibbli bil-Malti).
([17]) *What do EU capital markets look like on the other side of Brexit?* New Financial, 2020.
([18]) SWD(2020) 176 final (mhux disponibbli bil-Malti).

3.11. Il-KESE jinnota l-ambjent ekonomiku diffiċli u jissuġġerixxi li l-politiki futuri għandhom jiffukaw fuq it-tkabbir u l-kompetittività mingħajr ma jikkompromettu l-protezzjoni tal-konsumatur u l-istabbiltà tas-suq finanzjarju, li għandhom jibqgħu l-prijoritajiet politiċi ewlenin.

3.12. F'konformità mal-Opinjoni tal-KESE dwar *Unjoni tas-Swieq Kapitali għall-persuni u n-negozji* ([19]), il-KESE jaqbel mal-Qorti Ewropea tal-Awdituri, li nnotat li l-leġiżlazzjoni dwar it-titolizzazzjoni fil-prattika ma għenitx lill-banek iżidu l-kapaċità ta' self tagħhom, speċjalment lill-SMEs ([20]).

3.13. Il-KESE jinnota li l-isforzi kollha lejn il-kisba ta' Unjoni tas-Swieq Kapitali, filwaqt li sar progress, s'issa kienu biss parzjalment ta' suċċess. Avvenimenti reċenti, inkluż il-kollass ta' Crédit Suisse, juru li jeħtieġ li jsir aktar xogħol, kemm fil-livell internazzjonali kif ukoll f'dak tal-UE, biex jinkisbu l-objettivi ta' politika fformulati wara l-kriżi finanzjarja globali. Il-KESE jirrikonoxxi li l-istabbiltà finanzjarja hija prerekwiżit indispensabbli għat-tkabbir u l-kompetittività peress li tipprevjeni li l-kapital pubbliku u privat jiġi assorbit minn salvataġġi għal banek falluti u tipproteġi l-ekonomija inġenerali mit-tfixkil u l-ħsara kollaterali konsegwenti.

4. **Kummenti speċifiċi**

4.1. Il-KESE jappoġġja l-kontroll tal-kompetittività l-ġdid għal-leġiżlazzjoni tal-UE. Il-kontroll tal-kompetittività se jkopri erba' dimensjonijiet, il-funzjonament tas-suq u kif jaħdem f'termini ta' kost u formazzjoni tal-prezzijiet; impatt speċifiku fuq l-SMEs; l-impatt fuq il-kompetittività internazzjonali; u l-impatt fuq il-kapaċità għall-innovazzjoni. Filwaqt li l-erba' elementi huma rilevanti għall-proposti leġiżlattivi kollha, inklużi dawk li jaffettwaw is-settur finanzjarju, il-KESE jappoġġja l-akkoppjament tad-dimensjonijiet ma' elementi speċifiċi għas-settur finanzjarju.

4.1.1. Id-dimensjoni tal-funzjonament tas-suq tista' tkopri elementi relatati maż-żamma ta' kundizzjonijiet ekwivalenti fl-UE biex jiġi żgurat li l-banek li joperaw f'ġurisdizzjonijiet multipli tal-UE jkunu jistgħu jikkompetu fuq termini ugwali mal-banek domestiċi f'kull wieħed mis-swieq fil-mira tagħhom u viċi versa. Il-kompetittività hija importanti wkoll għall-banek internazzjonali li joperaw f'pajjiżi terzi u li jikkompetu mal-atturi lokali. Barra minn hekk, l-element ta' kundizzjonijiet ekwivalenti għandu jiżgura li l-banek tal-UE jkunu jistgħu jikkompetu b'mod effettiv kontra parteċipanti ġodda, bħal kumpaniji teknoloġiċi kbar. Filwaqt li qed isir progress fl-Att dwar is-Swieq Diġitali ([21]) u r-rieżami li għaddej bħalissa tad-Direttiva dwar is-Servizzi ta' Pagament (PSD2) ([22]), il-KESE jirrakkomanda li l-Kummissjoni Ewropea tidentifika oqsma fejn hija meħtieġa azzjoni regolatorja addizzjonali sabiex jiġu applikati l-istess regolamentazzjoni u superviżjoni għall-atturi kollha li jipprovdu l-istess servizzi. Fl-aħħar nett, id-dimensjoni tal-funzjonament tas-suq għandha tkopri elementi ta' stabbiltà tas-suq finanzjarju. Taħt din id-dimensjoni, il-kontroll tal-kompetittività għandu jiskrutinizza jekk il-leġiżlazzjoni proposta tikkontribwixxix għall-istabbiltà tas-suq finanzjarju, kemm fl-UE kif ukoll globalment.

4.1.2. Mill-perspettiva tar-regolament finanzjarju, id-dimensjoni tal-"impatt fuq l-SMEs" tkopri elementi li jappartjenu għall-aċċess għall-finanzjament. L-analiżi ta' din id-dimensjoni tista' tuża r-riżorsi eżistenti, bħall-istħarriġ ta' kull sitt xhur tal-BĊE dwar l-Aċċess għall-Finanzjament tal-Intrapriżi (SAFE), fost oħrajn. Il-KESE jirrakkomanda li l-Kummissjoni Ewropea tidentifika oqsma fejn azzjoni regolatorja addizzjonali tnaqqas l-ispiża biex isservi (eż. iż-żieda fid-disponibbiltà tad-data dwar l-SMEs, l-omoġenizzazzjoni tar-reġim tal-insolvenza). F'dan ir-rigward, il-KESE jinnota l-ħtieġa li t-test tal-SMEs jitwettaq b'mod sistematiku u konsistenti.

4.1.3. Id-diversità fi ħdan is-settur bankarju tal-UE, kemm f'termini ta' daqs kif ukoll ta' mudelli ta' negozju, tikkontribwixxi għar-reżiljenza u l-potenzjal innovattiv tiegħu. Għaldaqstant, il-KESE huwa tal-fehma li kwalunkwe inizjattiva ta' politika li għandha l-għan li tagħmel is-settur bankarju tal-UE aktar kompetittiv ma għandhiex tinsa l-ħtieġa li jinżammu kundizzjonijiet ekwivalenti fis-suq bankarju domestiku tal-UE u li jiġi żgurat li l-banek ta' kull daqs ikunu jistgħu jikkompetu fuq l-istess termini fis-swieq rispettivi tagħhom. Dan jimplika approċċ proporzjonali għar-regolamentazzjoni mingħajr ma jiġu kompromessi r-rekwiżiti kapitali sodi, u fl-istess ħin jiġi żgurat li s-settur ikun dejjem taħt is-superviżjoni mill-qrib tal-MSU. Barra minn hekk, il-KESE jappoġġja l-isforzi internazzjonali biex tinkiseb aktar armonizzazzjoni u tiġi ssemplifikata l-azzjoni regolatorja u superviżorja, u li jsir sforz biex ikun aktar faċli u kosteffettiv għall-parteċipanti fis-suq biex jikkonformaw mal-aspettattivi regolatorji u tiġi żgurata l-konsistenza ma' azzjoni ta' politika usa'.

4.1.4. Fl-aħħar nett, fir-rigward tad-dimensjoni tal-"kapaċità għall-innovazzjoni", il-KESE jirrakkomanda li jiġi stabbilit sett ta' indikaturi li jivvalutaw il-grad ta' diġitalizzazzjoni u l-profondità tal-finanzjament; pereżempju, indikaturi bħal self transfruntier, offerti pubbliċi inizjali transfruntiera, il-volum ta' investimenti transfruntiera u l-perċentwal ta' finanzjament ta' ekwità miġbur mis-swieq kapitali.

([19]) ĠU C 155, 30.4.2021, p. 20.
([20]) Rapport Speċjali Nru 25/2020: Capital Markets Union – Slow Start Towards an Ambitious Goal, Qorti Ewropea tal-Awdituri, 2020.
([21]) Ir-Regolament (UE) 2022/1925 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Settembru 2022 dwar swieq kontestabbli u ġusti fis-settur diġitali u li jemenda d-Direttivi (UE) 2019/1937 u (UE) 2020/1828 (l-Att dwar is-Swieq Diġitali (ĠU L 265, 12.10.2022, p. 1).
([22]) COM(2023) 365 final.

4.2. Il-KESE jiddispjaċih għall-fatt li l-Kummissjoni ma żviluppatx metodoloġija li tivvaluta l-impatt aggregat tal-miżuri ta' politika fuq il-kompetittività tal-UE, u jistieden lill-Kummissjoni Ewropea timplimenta l-kontroll tal-kompetittività mhux biss fuq proposti leġiżlattivi uniċi tal-UE, iżda wkoll fuq pakketti leġiżlattivi u l-programm ta' ħidma tal-Kummissjoni flimkien.

4.3. Il-KESE jinnota li l-kontroll tal-kompetittività jagħmel parti mill-qafas ta' Regolamentazzjoni Aħjar u jitlob li jkun hemm aċċess għas-sett il-ġdid ta' valutazzjonijiet ex ante u ex post tar-regolament il-ġdid propost. B'mod partikolari, kif il-kumpaniji tal-UE jikkompetu b'suċċess ma' negozji madwar id-dinja, kif il-kumpaniji tal-UE joperaw f'pajjiżi mhux tal-UE meta mqabbla ma' kompetituri lokali, kif is-swieq finanzjarji fl-Ewropa jsiru aktar integrati u kapaċi jattiraw negozji u investimenti minn madwar id-dinja u kif is-settur finanzjarju jappoġġja t-tkabbir billi jissodisfa l-ħtiġijiet tal-ekonomija Ewropea usa', għandhom ikunu parti mill-analiżi.

4.4. Il-KESE jqis ir-rakkomandazzjonijiet tal-Unità tal-Valutazzjoni tal-Impatt Ex Ante (IMPA) tar-rapport tas-Servizzi ta' Riċerka tal-Parlament Ewropew (EPRS) dwar il-metodoloġija tal-valutazzjoni tal-impatt tal-Kummissjoni ([23]). Id-data statistika miġbura mill-IMPA tindika li 29 % tal-valutazzjonijiet tal-impatt evalwati ppubblikati bejn Lulju 2015 u Diċembru 2018 instabu li kienu "fqar" u juru l-ħtieġa għal valutazzjoni aktar bir-reqqa tal-impatti soċjali u ambjentali, kif ukoll analiżi aktar konsistenti tal-impatti fuq il-kompetittività tal-SMEs.

4.5. Wieħed mill-punti mqajma mill-IMPA huwa relatat mar-rappreżentattività fqira tal-partijiet ikkonċernati. Il-KESE jaqbel mal-fehma li rappreżentanza fqira ta' kif il-fehmiet tal-partijiet ikkonċernati kkontribwew għall-valutazzjonijiet tal-impatt tista' tiskoraġġihom milli jipparteċipaw f'konsultazzjonijiet futuri, li jaħdmu kontra l-għan futur li jiġu promossi konsultazzjonijiet fil-livelli kollha ta' governanza.

4.6. Il-KESE jħeġġeġ il-ġbir, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni sistemiċi ta' data kritika biex jikkontribwixxu b'mod xieraq għall-evalwazzjoni ex post ta' inizjattiva. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tiċċara l-metodi użati bl-għan li jiġu ppreservati l-objettivi, il-kwalità u r-responsabbiltà distinta tal-eżerċizzji ex ante u ex post fit-terminu twil.

4.7. Filwaqt li l-mandati tal-MSU u tal-awtoritajiet superviżorji bankarji kompetenti oħra huma ffukati b'mod ċar fuq l-istabbiltà tal-prezzijiet u dik finanzjarja, l-impatt makroekonomiku tar-regolamentazzjoni finanzjarja u l-konsistenza tiegħu ma' objettivi usa' tal-politika ekonomika jeħtieġ li jiġu kkunsidrati kif dovut fl-aġenda politika tal-istituzzjonijiet tal-UE, u fit-tfassil u l-implimentazzjoni ta' eżerċizzji ta' valutazzjoni u evalwazzjoni.

4.8. Il-KESE jkompli jappoġġja bis-sħiħ dawk il-miżuri tal-Unjoni tas-Swieq Kapitali li jsaħħu l-istabbiltà u l-integrazzjoni finanzjarja tal-UE u s-superviżjoni tal-MSU ta' entitajiet finanzjarji sinifikanti taż-żona tal-euro, jew grupp ta' entitajiet li huma interkonnessi mill-qrib. Il-KESE jinnota li l-kwistjoni tal-kapaċità żejda għadha kemm ostaklu strutturali kbir fuq il-profittabbiltà settorjali kif ukoll riskju għall-istabbiltà finanzjarja. Kif indikat mill-BĊE u l-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku, il-konsolidazzjoni mhijiex l-unika soluzzjoni biex tiġi indirizzata l-kapaċità żejda: banek bi prestazzjoni baxxa għandhom ukoll jiġu permessi joħorġu mis-suq b'mod sikur u ordnat (permezz ta' insolvenza jew riżoluzzjoni), mingħajr interferenza politika.

Brussell, it-13 ta' Diċembru 2023.

Oliver RÖPKE

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

([23]) Appraising the quality of the European Commission's impact assessments, Studju, EPRS, 2019 (mhux disponibbli bil-Malti).